

Brussell, 15 ta' Mejju 2023
(OR. en)

9116/23

LIMITE

CORLX 497
CFSP/PESC 714
CSDP/PSDC 386
COPS 252
CSC 239

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konsegwenzi li d-Danimarka tinforma lill-Istati Membri l-oħra li ma tixtieqx tagħmel aktar użu mill-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka

1. Skont l-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), sat-30 ta' Ġunju 2022, id-Danimarka ma ħaditx sehem fl-elaborazzjoni, fl-adozzjoni jew fl-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni abbażi tal-Artikolu 26(1), l-Artikolu 42 u l-Artikoli 43 sa 46 TUE li kellhom implikazzjonijiet ta' difiża. Sal-istess data, id-Danimarka ma kkontribwietx għall-finanzjament tan-nefqa operazzjonali li tirriżulta minn tali miżuri u ma poġġietx mezzi militari għad-dispożizzjoni tal-Unjoni.
2. Fl-1 ta' Ġunju 2022, fid-Danimarka sar referendum dwar ir-revoka tal-eżenzjoni mill-parteċipazzjoni f'deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li għandhom implikazzjonijiet ta' difiża stabbilita fl-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22.
3. Fl-20 ta' Ġunju 2022, permezz ta' ittra mill-Ministru għall-Affarijiet Barranin tagħha, id-Danimarka, f'konformità mal-Artikolu 7 tal-Protokoll Nru 22, infurmat lill-Istati Membri l-oħra li mill-1 ta' Lulju 2022 ma xtaqitx tibqa' tagħmel użu mill-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22.

4. Fl-4 ta' Mejju 2023, ir-Rappreżentant Għoli ppreżenta lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konsegwenzi li d-Danimarka tinforma lill-Istati Membri l-oħra li ma tixtieqx tagħmel aktar użu mill-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka u li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/509 li tistabbilixxi Faċilità Ewropea għall-Paċi u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2015/528, kif ukoll id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/401/PESK dwar iċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea u li tħassar l-Azzjoni Konġunta 2001/555/CFSP dwar it-twaqqif ta' Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea (dok. 9040/23).
5. Fit-8 ta' Mejju 2023, il-Grupp ta' Ħidma ta' Kunsillieri għar-Relazzjonijiet Barranin (RELEX) qabel dwar it-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill.
6. F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-COREPER huwa mistieden:
 - jikkonferma l-qbil dwar it-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill;
 - jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konsegwenzi li d-Danimarka tinforma lill-Istati Membri l-oħra li ma tixtieqx tagħmel aktar użu mill-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka u d-Deċiżjoni 2014/401/PESK dwar iċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea kif tinsab, wara l-finalizzazzjoni tat-test mill-ġuristi lingwisti, fid-dokument 9047/23;
 - jiddeċiedi li jippubblika d-Deċiżjoni tal-Kunsill fil-Ġurnal Uffiċjali.